MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 413/2015

**Fl-atti tas-subbasta fl-ismijiet :**

**Monica Grima (ID 0604554M)**

**u Nazzareno Seguna (ID 0183453M),**

**Mary Grace Seguna (ID 0518657M)**

**u Olivia Ann Debattista (ID 0081377M)**

**vs**

**Ruben Buontempo (ID 0174273M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ghal bejgh bis-subbasta tar-rikorrenti et tat-3 ta’ Gunju 2013;

Rat ir-rikors tal-intimat Ruben Buontempo tal-4 ta’ Mejju 2015 (a fol 90 et seq) li jaqra hekk:

*"Illi s-subbasta odjerna tinsab appuntata skond id-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-erbghatax (14) ta' Mejju, 2015.*

*Illi l-esponenti qeghdin fil-process illi jottjenu self minghand il-Bank of Valletta p.l.c. skont ma jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. 'A' u dana fl-ammont indikat fl-istess mandat ta' qbid odjern u dana sabiex jevita l-prosegwiment ta' din il-procedura fil-konfront tieghu.*

*Illi madanakollu kif jirrizulta car ukoll mill-istess dokument l-imsemmi bank ma jistax jghaddi ghal tali self in vista tal-mandat ta' sekwestru numru 138/2015 mahrug minn Guido Grima fil-konfront tal-istess esponenti.*

*Illi m'hemm ebda raguni li ghaliha tali mandat ghandu jibqa' in vigore u dan ghaliex, mali jottjeni tali self, l-esponenti ser jghaddi sabiex ihallas il-kredituri relattivi u dan ukoll relattiv ghas-sehem dovut mill-istess Guido Grima li b'hekk jigi huwa stess debitur tal-esponenti, dan in vista ta' dak li jinsab deciz proprju pennezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet 'Joseph Grima et. v. Pierre Buontempo et' (Rik. Nru.1843/1999) datata 19 ta' Mejju, 2014.*

*Illi f'dan ir-rigward l-esponenti sejjer jghaddi sabiex jipprezenta rikors iehor fl-atti tal-istess mandat li permezz tieghu qeghdin jitolbu ir-revoka tal-istess mandat surreferit ghar-ragunijiet premessi.*

*Illi ulterjorment l-esponenti gie wkoll ricentement a konoxxenza tal-fatt li hemm subbasta ohra pendenti fl-ismijiet 'Monica Grima et. v. Guido Grima' (Subbasta Numru 82/2014) pendent quddiem dina l-Onorabbli Qorti (presj mill-Onor Imh. J. Padovani Grima) permezz ta' liema l-istess kredituri odjerni qeghdin jippruvaw jezegwixxu l-istess sentenza surreferita fil-konfront ta' Guido Grima u dana fir-rigward ta' somma ammontanti ghal €61,969.76 liema somma tinsab kompriza fis-somma akbar mertu ta' din l-istess subbasta.*

*Illi ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghal dak kollu li jinghad hawn fuq fir-rigward tas-self li l-esponenti jinsab fil-process li jottjeni mill-bank imsemmi proprju sabiex jevita s-subbasta odjerna, hemm lok ukoll li din is-subbasta tistenna l-ezitu tas-subbasta surreferita u li ggib in-numru 82/2014 proprju sabiex jigu evitati decizjonijiet ghal kollox kunfliggenti fir-*

*rigward ta' mertu li huwa identiku u li jirrigwardja l-istess partijiet u sabiex b'hekk tigi evitata wkoll sitwazzjoni fejn ikun hemm arrikkiment ingust da parti tal-kredituri odjerni bis-sahha ta' zewg proceduri ta' subbasta kontwestwali kontra zewg intimati differenti u li effettivament jirrigwardjaw l-istess kreditu naxxenti mill-istess proceduri gudizzjarji.*

*Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti qeghdin jiddepozitaw ukoll somma sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez relattivi taht l-art. 326 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha necessarji u/jew opportuni, dina l-Onorabbli Qorti tordna illi s-subbasta fl-ismijiet surreferiti ghandha tigi sospiza sakemm l-esponenti jirnexxielu jottjeni is-self surreferit entro dak it-terminu li dina l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi u wkoll li tali subbasta ghandha timxi kontestwalment mas-subbasta bin-numru 82/2014 fl-ismijiet 'Monica Grima v. Guido Grima' u dan ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija."*

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 2015 illi bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-11 ta' Mejju 2015 fis-1.15pm.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Permezz ta' rikors tal-4 ta' Mejju 2015 Ruben Buontempo qieghed jitlob is-sospenzjoni tas-subbasta odjerna 'l ghaliex l-istess intimat qieghed fil-process li jottieni self minghand il-Bank of Valletta biex jigi saldat l-ammont pretiz. Di piu' Buontempo talba illi s-subbasta fl-ismijiet Monica Grima et vs Guido Grima timxi kontestwalment mas-subbasta odjerna (41/2013) sabiex jigu evitati decizjonijiet konfliggenti jew sitwazzjoni fejn ikun hemm arrikjament ingust, gialdarba l-ammont pretiz huwa l-istess wiehed.

Minn naha l-ohra l-kredituri Grima rribadixxu waqt it-trattazzjoni li l-intimat kien ikkontestaw it-talba attrici b'kull mezz moghti lilu fil-ligi sahhansitra kawza li bdiet fin-1999

spiccat deciza finalment b’rittrattazzjoni mill-Qorti tal-Appell fil-5 t’April 2013 u dan ir-rikors ma huwa xejn hlief attentat iehor sabiex jerga jigi delungat l-bejgh tal-proprjeta’ ghas-saldo tal-kreditu dovut.

Illi di piu’ skond is-sentenza fuq citata, Buontempo u Guido Grima kienu gew dikjarati responsabbli ghal hlas b’mod solidali -vide fol. 26 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq citata - u ghaldaqstant ir-rikorrenti Monica Grima et kellhom kull dritt li jagixxu kontra Ruben Buontempo kif ukoll Guido Grima.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tikkonsidera t-tieni talba u cioe’ li din is-subbasta titmexxa kontestwalment mas-subbasta 82/2004 fl-ismijiet Monica Grima et vs Guido Grima. Din il-Qorti taghraf illi din it-talba hija wahda ragonevoli u gustifikata sabiex jigu evitati decizjonijiet konfliggenti jew arrikjament ingust, u sabiex ma jkunx hemm bejgh ta’ xi proprjeta’ tad-debituri li ma jkunx floku, u hekk tordna.

**Ikkonsidrat:**

Ghar-rigward tal-ewwel talba, din il-Qorti rat u ezaminat Dok. A a fol. 92, dokument mahrug mill-Bank of Valletta li jgib id-data ta’ 29 t’April 2015 li permezz taghha Buontempo ghamel talba ghal *loan facility* fl-ammont ta’ €110,000. Din il-Qorti taghraf li Bank of Valletta, bl-ebda mod ma ntrabat biex b’xi mod jakkorda t-talba ta’ Buontempo, identifika problemi li jridu jigu rizolti qabel ma tkun tista’ tinghata din il-facilita’ bankarja.

Il-Qorti tgharaf ukoll li gew depozitata l-ispejjez tas-subbasta, u li r-rikors gie intavolat in termini tal-Artikolu 326 tal-Kapitolu 12.

Ghar-rigward tal-ewwel talba, il-Qorti taghraf illi Buontempo ghandu jinghata terminu qasir sabiex jottieni l-facilita' bankarja, li talab lil Bank of Valletta, jekk dan huwa possibbli. Izda din il-Qorti, konsapevoli taz-zmien konsiderevoli li fih ir-rikorrenti kellhom jikkombattu bis-shih sabiex jigi finalment ikanonizzat il-kreditu taghhom, tqis li m'ghandiex takkorda aktar minn **sospenzjoni ta' din is-subbasta ghal perjodu ta' xahrejn** u dana sabiex tippermetti li l-facilita' bankarja mitluba tigi finalizzata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni talba u tordna li din is-subbasta titmexxa kontestwalment mas-subbasta 82/2004 fl-ismijiet Monica Grima et vs Guido Grima; u tilqa' l-ewwel talba u tissospendi s-subbasta odjerna ghal perjodu ta' xahrejn sabiex Ruben Buontempo jottieni s-self bankarju necessarju sabiex ihallas dak minnu dovut.

Fin-nuqqas u kemm-il darba jghaddi inutilment dan il-perjodu minghajr ma jsir il-hlas tal-kredituri relevanti, din il-Qorti minn issa tawtorizza l-prosegwiment tas-subbasta odjerna.

Bl-ispejjez kontra Ruben Buontempo.

**Moghti kameralment illum 13 ta' Mejju 2015**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------